MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 2189/2000/1

**Raymond Bajada eżerċenti l-kummerċ bħala *Casa Design***

***Versus***

**Alfred u Catherine konjuġi Mallia**

1. Din hija kawża dwar appalt li nħall qabel il-waqt. L-attur kien imqabbad mill-konvenuti biex jagħmlilhom xogħol ta' għamara iżda l-konvenuti ħallew l-appalt wara li l-attur kien beda x-xogħol. Billi igħid illi l-konvenuti ma kellhomx raġuni tajba biex iħollu l-appalt, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1.1. tgħid illi l-konvenuti ħallew l-appalt mingħajr raġuni li tiswa fil-liġi;

1.2. tillikwida d-danni li ġarrab minħabba f'hekk l-attur; u

1.3. tillikwida l-qligħ li tilef l-attur kif igħid l-art. 1640 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

1.4. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dak li jiġi likwidat taħt it-tieni u t-tielet talbiet, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

2. Il-konvenuti wieġbu b’nota ta’ eċċezzjonijiet ippreżentata fl-14 ta’ Novembru 2000.

3. Din il-kawża nstemgħet flimkien ma’ kawża oħra fl-ismijiet Alfred Mallia *et versus* Raymond Bajada (ċitazzjoni numru 932/2000) li kienet kawża mibdija mill-konvenuti tallum kontra l-attur tallum biex il-qorti (1) tgħid illi l-konvenuti (atturi f’dik il-kawża) temmew l-appalt għal raġuni li tiswa; (2) tgħid illi huma kienu għamlu ħlas lill-attur (konvenut f’dik il-kawża) akkont tal-prezz tal-appalt; (3) tillikwida d-danni li l-konvenuti ġarrbu minħabba n-nuqqas tal-attur li jwettaq il-ftehim; (4) tillikwida l-valur tal-utilità għall-konvenuti tax-xogħol li għamel l-attur; u (5) tikkundanna lill-attur irodd dak li tħallas żejjed.

4. B’sentenza mogħtija f’dik il-kawża fit-12 t’Ottubru 2007 il-qorti kienet sabet illi x-xogħol magħmul mill-attur ma huwiex komplut u illi l-konvenuti kienu għamlu ħlasijiet ta’ tmint elef, disa’ mija u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€8,972.75) akkont. B’sentenza oħra mogħtija fil-11 ta’ Frar 2010 il-qorti sabet illi, meqjusa d-danni li ġarrbu l-konvenuti talli temmew l-appalt għal raġuni tajba, u meqjusa wkoll l-utilità għalihom tax-xogħlijiet magħmula mill-attur, l-attur jistħoqqlu ħlas ta’ sitt elef, mitejn u erbatax-il euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€6,214.77). Billi l-attur kien tħallas tmint elef, disa’ mija u tnejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€8,972.75) akkont, il-qorti ikkundannat lill-attur irodd elfejn, seba’ mija u sebgħa u ħamsin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,757.98), flimkien mal-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni, u ikkundannatu wkoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

5. Għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija, l-ewwel talba tal-attur ma tistax tintlaqa’, għax il-konvenuti ħallew l-appalt għal raġuni tajba, billi x-xogħol ma tlestiex għal kollox kif riedu l-arti u s-sengħa; il-likwidazzjonijiet mitluba fit-tieni u t-tielet talbiet saru fis-sentenza tal-11 ta’ Frar 2010, u għalhekk ma huwiex meħtieġ provvediment ieħor dwar dawk it-talbiet; u dak li kellu jieħu l-attur ġie paċjut ma dak li kellu jrodd, u

għalhekk lanqas dwar ir-raba’ talba ma hu meħtieġ provvediment ieħor.

6. L-ispejjeż ta’ din il-kawża għandu jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------